MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-17 ta' Jannar, 2012

Citazzjoni Numru. 128/2005

Kawza fil-lista: 26

**A F G**
**vs**
**B F G**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

Peress illi l-kontendenti zzewgu fl-14 ta’ Mejju 1995, minn liema zwieg fil-15 ta’ Novembru twieldet il-minuri Valentina.

Peress illi l-hajja konjugali ta’ bejn il-kontendenti m’ ghadhiex aktar possibbli minhabba inkompatibilita’ ta’ karattru, sevizzi, theddid u ingurji gravi min-naha tal-

konvenuta fil-konfront ta’ l-attur, kif ukoll l-adulterju ta’ l-istess konvenuta.

Peress illi l-attur ghalhekk jixtieq li jissepara *ad mensa et thoro* minn mal-konvenuta martu u konsegwentement issehh ukoll ix-xoljiment u d-divizjoni tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejniethom.

Peress illi l-attur jixtieq illi l-kura u kustodja tal-minuri Valentina tigi fdata lilu.

Peress illi l-attur jixtieq ukoll li jigi dikjarat li bhala konsegwenza tas-suriferit il-konvenut martu ddekadiet mill-jeddijiet konjugali kollha previsti mill-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta).

Peress illi l-attur gie debitament awtorizzat jistitwixxi dawna l-proceduri permezz tad-digriet ta’ dina l-Onorabbli Qorti numerat 420/05.

Tghid ghalhekk il-konvenuta in vista tal-premess ghaliex ma ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti:

Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontedenti u dana minhabba inkompattibilita’ ta’ karattru, sevizzi, theddid u ingurji gravi min-naha tal-konvenuta fil-konfront tal-attur , kif ukoll l-adulterju ta’ l-istess konvenuta.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet li biha l-konvenuta iddikjarat li taqbel ma’ l-ewwel talba izda l-htija tirrisjedi unikament fuq l-attur ai termini ta’ l-Artikolu 38 u 40 tal- Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat is-sentenza moghtija minn din il-Qorti fis-6 ta’ Dicembru 2011;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat li fl-udjenza tallum l-attur ceda t-talbiet numri tnejn, tlieta u erbgha;

Semghet il-partijiet;

Ikkunsidrat;

Illi, l-kundizzjonijiet kontemplati fl-Artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta jinsabu sodisfacentement provati. Ghaldastant tilqa' l-ewwel talba fis-sens li tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet; u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien xahar javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bis-sentenza tal-partijiet sabiex din tigi registrata fir-Registru Pubbliku.

Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM-------------------------------